MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2009

Numru 427/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**
**vs**

**ALDO AGIUS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Aldo Agius ta’ 40 sena, bin Joseph u Maria Assunta nee’ Zammit, imwieled il-Pieta’ fis-17 ta’ Lulju 1968 u joqghod 127 Triq il-Kbira, Zurrieq, detentur tal- Karta tal-Identita’ Nru. 0283668M.

Billi gie akkuzat talli fid-29 ta’ April 2009, ghal habta tal-hdax ta’ filghaxija (11:00pm) gewwa l-Floriana:

a) Bi vjolenza ikkometta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta’ Daniela Magri;

b) Bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Daniela Magri kontra l-volonta’ taghha, u dan bhala mezz biex tigi mgieghlha taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

c) Ikkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Daniela Magri;

d) Hebb kontra l-persuna ta’ Matthew Psaila sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmel hsara lill-istess persuna;

e) U aktar talli offenda l-pudur jew il-morali, b’ghemil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku;

f) U aktar talli rrenda ruhu ricediv a tenur tal-artikoli 49 u 50 b’diversi Sentenzi fosthom Sentenza moghtija fit-12 ta’ Jannar, 2009 mill-Magistrat Dr Giovanni Grixti.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok PMG1 u nnutat li l-imputat Aldo Agius m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu li sar fis-Seduta tallum wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur u Dr Mark Busutill ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li l-imputat ghandu problema ta’ alcoholismu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 207, 209, 86, 87(c), 221 u 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Aldo Agius, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li minn naha l-wahda l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u minn naha l-ohra l-fedina penali xejn felici tal-imputat tikkundanna lill-istess imputat Aldo Agius ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u elf, mija u erba’ u sittin Euro u disa’ u sittin centezmi ta’ Euro (Euro 1164.69) multa.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Aldo Agius b’obbligazzjoni personali ta’ elfejn u tlett mitt Euro (Euro 2300) li jzomm il-kwiet ma’ Daniela Magri u Matthew Psaila ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti, fid-dawl ta’ dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur u Dr Mark Busuttil ghall-imputat nkwantu li jaqblu li l-imputat ghandu problema ta’ alcoholismu, tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin li dan jara li l-imputat Aldo Agius jinghata l-ghajnuna li ghandu bzonn sabiex jeghleb

il-problema li ghandu ta’ alcoholismu u ghaldaqstant tordna li kopja ta’ din is-Sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------